**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 26 ta' Lulju 2021**

**Rikors Numru 87/2020**

**Mary Grace Gravina**

**vs**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' **Mary Grace Gravina** ppreżentat fis-16 ta' Ottubru 2020 li permezz tiegħu ppremettiet s-segwenti:-

*"Illi r-rikorrenti taħdem bħala gwardjan privat u ilha taħdem f'dan il-qasam għal dawn l-aħħar sitt (6) snin.*

*Illi permezz ta' ittra datata 16 ta' Settembru 2020 il-Kummissarju tal-Pulizija nfurmaha illi l-liċenzja tagħha ta' gwardjan privat kienet qed tiġi rtirata. Skont l-istess ittra dan l-irtirat sar ai termini tal-Artikolu 10(a)(i) u 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta - kopja tal-imsemmi ittra qed tiġi annessa bħala Dokument 'A'.*

*Illi in ottemporanza ma' dak mitlub mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-istess ittra tas-16 ta' Settembru 2020, l-esponenti rritornat il-liċenzja ta' gwardjan privat bin-numru 7254 fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.*

*Illi qabel ma rritornat il-liċenzja tagħha, ir-rikorrenti kienet qed taħdem bħala gwardjan l-AWAS ġewwa Ħal Far fejn hija ta' kuljum kellha tikkontrolla numri kbar ta' immigranti.*
*Illi r-rikorrenti, li llum għandha disgħa u ħamsin (59) sena, qatt ma ħadmet qabel u di fatti minn dejjem kienet mara tad-dar. Ġara li fl-2014 żewġha marad u kellha per forza toħrog taħdem. Tant hu hekk illi għamlet kors mal-ETC għal gwardjan privat u minn hemm bdiet taħdem f'dan il-qasam. Ir-rikorrenti m'hijiex gradwata u lanqas m'għandha esperjenza f'xogħol alternattiv u għalhekk l-uniku xogħol li hija tista' tagħmel hu proprju dak ta' gwardjan privat. L-irtirar ta' din il-liċenzja kellu mpatt qawwi kemm fuq ir-rikorrenti nnifisha u anki fuq żewġha stante li ilha dawn l-aħħar sitt snin tipprovdi għalih u għat-terapija kollu li għandu bżonn.*

*Illi fil-fatt ir-raġel tal-esponenti kellu jiġi boarded out seba' snin ilu stante li huwa jbati minn acute heart failure u anki glaucoma u għalhekk ir-rikorrenti ma kellhiex għażla oħra ħlief li toħroġ taħdem sabiex tgħajjex lir-raġel tagħha u lilha nnifisha.*

*Illi fid-deċiżjoni tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija ndika li dan l-irtirar qed iseħħ wara li ġiet ikkunsidrata sentenza fil-konfront tal-esponenti mill-Qorti ta' Ġudikatura Kriminali liema sentenza ma tistax tiġi mibdula.*

*Illi din id-deċiżjoni amministrattiva meħuda mill-Kummissarju tal-Pulizija hija waħda inġusta, irraġjonevoli u bażata fuq konsiderazzjonijiet irrilevanti, kif ukoll sporporzjonata u dana hekk kif ser tipprova l-istess rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawża odjerna.*

*Illi sfortunatament huwa minnu li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ngħatat sentenza sospiża kontra r-rikorrenti però l-Qorti stess għażlet li tagħti opportunità lir-rikorrenti billi għażlet li tapplika l-Artikolu 28A tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant ma tagħmilx sens li awtorità oħra, u cioè l-Kummissarju tal-Pulizija, jagħżel li jdawwar din l-opportunità u minflok jippenalizza lir-rikorrenti billi jirtira l-liċenzja tagħha u b'hekk iċaħħadha minn kull opportunità li taħdem. Dan huwa kontradittorju għall-aħħar.*

*Illi r-rikorrenti kkoperat bis-sħiħ tul l-investigazzjonijiet tal-Pulizija u anke quddiem il-Qorti, tant illi l-Qorti tal-Maġistrati rat li r-rikorrenti għandha fedina penali netta u m'hijiex persuna refrattarja; di fatti dan kollu ġie rifless fis-sospensjoni tas-sentenza ta' priġunerija.*

*Illi n-nuqqas da parti tar-rikorrenti, li indubjament ma hux ser jerġa' jiġi ripetut, ma jikkostitwixxix perikolu għall-interess pubbliku fil-qadi tad-dmirijiet tal-*

*esponenti bħala gwardjan privat. Illi bħala fatt ir-rikorrenti minn dejjem kienet eżemplari f'xogħolha u qatt ma kellha problemi ma' ħadd f'ħajjitha la fuq il-post tax-xogħol u lanqas fil-ħajja b'mod ġenerali.*

*Illi kif jirriżulta mill-ittra anness datata 16 ta' Settembru 2020, il-Kummissarju tal-Pulizija bbaża ruħu fuq l-Artikolu 10(a)(i) u 10(b) meta jidher ċar mal-ewwel daqqa t'għajn li tali Artikoli jittrattaw rifjut ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenza u mhux irtirar ta' liċenzja. Illi semmai l-Kummissarju tal-Pulizija kellu jibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta u mhux l-Artikolu 10.*

*Illi għalhekk id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija waħda erronja u infondata u bħala stat ta' fatt tali deċiżjoni erronja rriżultat fit-telfien tal-impjieg tal-esponenti.*

*Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi umilment sottomess li dak li kellu jagħmel il-Kummissarju tal-Pulizija f'dan ir-rigward kien li jqis oġġettivament u korrettement il-fatti li kellu quddiemu, u kieku tali eżerċizzju ġie kondott korrettement, il-Kummissarju ma kienx jasal għal dik il-konklużjoni li effettivament wasal għaliha.*

*Illi ċertament mhu ser jinħoloq ebda periklu għall-interess pubbliku u b'hekk din id-deċiżjoni m'hijiex waħda raġjonevoli, aktar u aktar meta wieħed iqis li r-rikorrenti għandha track record ta' ħajja lavorattiva tajba, apparti li fil-ħajja tagħha ta' kuljum hija mara li tintegra tajjeb fis-soċjetà, m'għandha l-ebda vizzji, hija persuna serja li lesta tissagrifika kollox għall-familja tagħha. Illi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati ma hemmx dubju li r-rikorrenti fehmet ukoll ir-responsabbiltà li għandu jerfa' kull ċittadin.*

*Illi għalhekk qiegħed jiġi umilment mitlub li dan it-Tribunal iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija kif kontenuta fl-ittra datata 16 ta' Settembru 2020 u b'hekk jiġi ordnat li l-liċenzja relattiva tingħata lura lill-esponenti jew tiġi mogħtija liċenzja ġdida.*

*Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn premessi l-esponenti titlob bir-rispett illi dan it-Tribunal jogħġbu:*

*1. Jirrevoka u jħassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija datata 16 ta' Settembru 2020;*
*2. Jordna lill-intimat jagħti lura/jagħti liċenzja ġdida ta' Gwardjan Privat lir-rikorrenti;*

*3. Jagħti kwalunkwe provvediment ieħor li jidhirlu xieraq u opportun fiċ-ċirkostanzi."*

Ra r-risposta **tal-Kummissarju intimat** ppreżentata fid-9 ta' Novembru 2020 li permezz tagħha eċċepixxa s-segwenti:-

1. *"Illi in linea preliminari, l-Avukat tal-Istat għadu ma ġiex notifikat ai termini tal-artikolu 181B(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta bil-konsegwenza li strettament t-terminu għar-risposta għadu ma bediex jiddekorri in konfront tal-esponent;*

2. *Illi subordinatament, l-esponent Kummissarju tal-Pulizija jeċċepixxi illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fid-dritt u fil-fatt, u dan għaliex kien hemm raġunijiet validi u b'saħħithom biżżejjed sabiex jiġġustifikaw id-deċiżjoni tal-istess esponent li jirtira l-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrenti skont dak kontemplat fl-artikolu 13(1) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta abbażi tar-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 (a)(i) u l-artikolu 10 (b) tal-Kap 389 (Att Dwar il-Gwardjani Privati u Lokali), kif ser jiġi muri u spjegat fil-mori tas-smiegħ ta' dan ir-rikors;*

3. *Illi l-esponent jirrileva illi r-rikorrenti nstabet ħatja nhar it-28 ta' Jannar, 2020, talli kkawżat offiża ta' natura ħafifa fuq persunt Kylie Monaco u talli akkużatha quddiem awtorità kompetenti b'reat, filwaqt li kienet ben konxja li l-istess Kylie Monaco hija innoċenti. Illi għal dawn ir-reati r-rikorrenti ġiet ikkundannata għal piena ta' ħmistax (15)-il xahar priġunerija, sospiżi għal tliet (3) snin. Oltre minn hekk, fil-konfront tar-rikorrenti l-Qorti ordnat il-piena ta' interdizzjoni ġenerali temporanja għal żmien għaxar (10) snin, kif ukoll interdizzjoni milli sservi bħala xhud jew perit;*

4. *Illi l-Kummissarju esponent ikkunsidra dawn ir-reati bħala gravi taħt l-Artikolu 10(a)(i) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta, speċjalment meta wieħed jikkunsidra li r-reati kommessi mir-rikorrenti huma reati li mhumiex kompatibbli mal-mestjier ta' gwardjan privat għaliex fl-umli fehma tal-esponent, ir-rikorrenti għandha tkun persuna ta' eżempju f'xogħolha, u mhux taġixxi b'atti li suppost qed tipprevjeni hi stess fil-qadi ta' xogħolha bħala gwardjan privat;*

5. *Illi ġjaladarba reat ikun meqjus bħala "delitt gravi ieħor" kif mifhum taħt l-Artikolu 10(a) (oltre għal dawk ir-reati espliċitament imsemmija f'dan l-*

*artikolu), l-istess artikolu ma jagħtix setgħa diskrezzjonarja lill-Kummissarju tal-Pulizija, iżda jimponi obbligu fuq il-Kummissarju li jirrifjuta ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzja jekk tkun tissussisti sitwazzjoni taħt is-subartikoli 10(a)(i) sa (vi) tal-istess Kapitolu 389;*

6. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, minħabba n-natura tar-reati, l-esponent ħass illi kien fl-interess pubbliku li tkun irtirata l-liċenzja ta' gwardjan privat lir-rikorrenti. Oltre minn hekk, is-sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti ngħatat biss ftit tax-xhur ilu proprju fit-28 ta' Jannar, 2020, b'piena sospiża għal tliet (3) snin. Jingħad illi l-Kummissarju tal-Pulizija jgawdi diskrezzjoni permezz tal-Artiklu 10 (b) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta fejn jekk iħoss illi persuna li diġà sservi bħala gwardjan privat tkun misjuba ħatja ta' reat, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jirtira dik il-liċenzja jekk fl-opinjoni tiegħu, id-detentur tal-liċenzja ma tibqax persuna idonea sabiex tagħmel xogħol ta' gwardjan privat, u dan jagħmlu fl-interess pubbliku;*

7. *Illi fir-rigward tal-allegazzjoni tar-rikorrenti li d-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija hija waħda erronja u infondata għaliex skontha l-Kummissarju bbaża r-rifjut fuq l-artikolu 10 u mhux fuq l-artikolu 13 tal-Kap. 389, din hija bid-dovut rispett, interpretazzjoni skorretta u konvenjenti. Dan għaliex fl-ittra tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija jgħid bl-aktar mod ċar illi l-liċenzja qed tiġi "irtirata skont ma hemm maħsub fl-Artikolu 13(1) tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Uffiċjali tal-Komunità (Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta)";*

8. *Illi minn qari tal-artikolu 13(1) tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta,*[1] *huwa evidenti li jekk jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenzja kienet tkun miċħuda, il-Kummissarju tal-Pulizija jista' jirtira tali liċenzja. Għalhekk, l-artikolu 13 jippermetti li jintuża l-istess kejl fir-rigward ta' rtirar ta' liċenzji bħal dak użat proprju għall-għoti ta' liċenzji – kejl li hu dettat mill-artikolu 10 tal-Kap. 389 tal-Liġijiet ta' Malta;*

9. *Illi fir-rigward tal-asserzjoni tar-rikorrenti li mhijiex se tirrepeti r-reati kommessi u li r-reati ma jikostitwixxux perikolu għall-interess pubbliku fil-qadi tad-dmirijiet tal-esponenti bħala gwardjan privat, l-esponent jagħmel*

[1] 13(1) *Meta d-detentur ta' liċenza ma jimxix skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenza jew* ***jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda****, il-Kummissarju jista' jew* ***jirtira*** *jew jissospendi dik il-liċenza*

*referenza għal sentenza fl-ismijiet* **David Vincenti vs Kummissarju tal-Pulizija,** *deċiża fl-4 ta' April 2013 (Rik Nru 275/2011), li fiha dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut apprezza r-rwol li għandu l-Kummissarju fil-ħruġ ta' tali liċenzji, u ċioè illi sabiex jasal għad-deċiżjoni, irid jibbilanċja l-interess tal-applikant li jkollu liċenzja, mal-interess tal-pubbliku in ġenerali illi individwi li jiġu vestiti bil-kariga ta' gwardjan privat jew gwardjan lokali, ikunu individwi ta' karattru affidabbli u sod biex b'hekk ikunu jistgħu jaqdu d-dmirijiet tagħhom b'responsabilità. Ir-rikorrenti trid tirrikonoxxi illi l-liċenzja ta' gwardjan privat iġġorr magħha ċertu piż u responsabilità peress illi min ikun fil-pussess ta' tali liċenzja jiġi vestit b'kariga li jkollu poteri simili għal dawk ta' uffiċjal tal-Pulizija, u għalhekk, l-evalwazzjoni u l-konklużjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija ssir ukoll f'dan il-kuntest;*

*10. Illi fis-sentenza appena msemmija, dan l-Onorabbli Tribunal kif diversament presedut għamel is-segwenti osservazzjonijiet:*

> *għalkemm ir-rikorrent ċertament ma huwiex ta' xi minaċċa għas-soċjetà, u dana partikolarment f'sens kriminali – it-Tribunal ma jqisx li kemm-il darba l-istess rikorrent kellu jingħata liċenza ta' Gwardjan Privat dan ikun ta' ġid għalih u għas-soċjetà. Konsegwentement għalhekk ma huwiex fl-interess pubbliku li tinħareġ liċenza ta' Gwardjan Privat favur ir-Rikorrent.*

*11. Illi għalhekk, jidher ċar illi t-Tribunal ukoll qiegħed jinterpreta l-interess pubbliku bħala bażi ta' rifjut u rtirar f'sens aktar wiesa', u ċioè mhux biss b'rabta ma' xi biża' illi l-applikant jista' jkun ta' xi periklu pubbliku f'sens kriminali. Kien għalhekk ġust u raġjonevoli l-Kummissarju tal-Pulizija li f'dawn iċ-ċirkostanzi uża d-diskrezzjoni mogħtija lilu bil-liġi u għażel illi jirtira l-liċenzja tar-rikorrenti;*

*12. Illi huwa minnu li permezz tas-sentenza sospiża mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, l-istess Qorti għażlet li ma tinkarċerax lir-rikorrenti, iżda dan ma jfissirx li ma kien hemm l-ebda riperkussjoni. Fil-fatt, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali setgħet tagħżel li tillibera lir-rikorrenti ai termini tal-artikolu 22 tal-Probation Act (Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta) – ħaġa li però ħasset li ma kellhiex tagħmel. Oltre minn hekk, l-istess Qorti applikat il-piena ta' interdizzjoni ġenerali temporanja għal żmien għaxar (10) snin;*

13. *Illi finalment b'referenza għat-tieni talba mqajma mir-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi dan l-Onorabbli Tribunal ma jistax jordna lill-esponent jagħti lura l-liċenzja ta' Gwardjan Privat, se mai dan l-Onorabbli Tribunal jista' jordna lill-esponent jerġa' jikkonsidra d-deċiżjoni minnu mogħtija, u dan għaliex il-kompetenza tat-Tribunal hija purament waħda ta' reviżjoni ta' deċiżjonijiet u mhux li jarroga fuqu l-poter deċiżjonali li għandhom l-awtoritajiet pubbliċi.*

*Għaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponent qiegħed bl-akbar rispett jadixxi lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-interità tagħhom bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti."*

Sema' l-provi u t-trattazzjoni tal-partijiet;

Ra li r-rikors ġie mħolli għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi mir-rikors promutur jirriżulta illi r-rikorrenti qiegħda tikkontesta deċiżjoni tal-Kummissarju intimat li permezz tagħha nfurmaha li l-liċenzja tagħha sabiex taħdem bħala gwardjan privat kienet qiegħda tiġi rtirata abbażi tal-artikolu 10 (a) (i) u 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ir-rikorrenti,** permezz ta' affidavit, xehdet illi fl-2014 żewġha kienu tawh żewġ attakki tal-qalb f'inqas minn erbgħa u għoxrin siegħa u li għalhekk ma setax jibqa' fl-impjieg tiegħu. Kien għalhekk li hija kellha toħroġ taħdem. Għaldaqstant hija għamlet kors ta' gwardjan privat mal-ETC, illum Jobsplus, fejn wara li lestietu bdiet taħdem bħala gwardjan privat mal-Kumpanija JF Security Ltd. Wara xi snin kien hemm opportunità ta' mpjieg bħala Reception Facilitator Officer mal-Aġenzija tal-Welfare tal-Persuni li Jfittxu l-Ażil (AWAS) u bdiet taħdem magħhom. F'dan l-impjieg marret tajjeb ħafna kemm mal-kollegi tagħha u kif ukoll mar-residenti. Tispjega li għajr għal inċident iżoltat u li dwaru ġiet ikkundannata, hija qatt ma xellfet difrejha mal-ġustizzja. Tispjega li kawża ta' dan l-inċident hija ġiet trasferita fi ħdan l-AWAS stess bil-konsegwenza li qiegħda tirċievi inqas paga, liema nuqqas kellu impatt finanzjarju fuqha u fuq il-familja.

Ir-rikorrenti tkompli tispjega illi hija tinvolvi ruħha wkoll f'attivitajiet filantropiċi u anke għal diversi snin irrappreżentat lill-ġenituri fl-iskejjel fejn kienu jattendu t-tfal tagħha. Għaldaqstant hija tħoss illi inċident iżolat m'għandux iġib fix-xejn it-tajjeb kollu li għamlet f'ħajjitha.

**Joseph Gravina,** ir-raġel tar-rikorrenti, ikkonferma dak kollu li r-rikorrenti stqarret fl-affidavit tagħha.

**Amanda Mifsud**, **Carmela Abafour** u **Rosita Scerri,** *reception facility officers* mal-AWAS, spjegaw illi huma jaħdmu mar-rikorrenti u li qatt ma kellha problemi magħhom jew mar-residenti u li tagħmel xogħolha sew.

**Ray Theuma**, *Project Executive – EU Technical Projects* fi ħdan l-AWAS, spjega illi x-xogħol ta' *reception facility officer* jaqa' taħt ir-responsabbilità tiegħu. Iddeskriva lir-rikorrenti bħala diliġenti, responsabbli u professjonali fix-xogħol tagħha tant li kulhadd kien iħobbha u jirrispettaha. Spjega illi r-rikorrenti qatt ma uriet temperament erratiku u qatt ma kellha problemi ma' ħadd.

**L-Ispettur Sarah Magri** spjegat illi bħalma jsir f'kull applikazzjoni għal tiġdid ta' liċenjza ta' gwardjan privat,[2] għamlu l-*vetting* u rriżulta li kienet għadha kif ingħatat sentenza fil-konfront tar-rikorrenti. Abbażi tal-istess sentenza, kienu ħargu rifjut stante li kkunsidraw ir-reati li tagħhom instabet ħatja r-rikorrenti bħala "reati gravi" ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Di più, ir-rifjut ħareġ ukoll abbażi tal-artikolu 10 (b), u cioè, fl-interess pubbliku.

**Ikkunsidra:**

Illi t-Tribunal se jgħaddi biex jindirizza l-ewwel eċċezzjoni preliminari tal-Kummissarju intimat, u cioè, li l-Avukat tal-Istat ma ġiex notifikat b'dawn il-proċeduri ai termini tal-artikolu 181B (3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dan it-Tribunal diġà kellu l-okkażjoni diversi drabi jippronunzja ruħu dwar din l-eċċezzjoni. Minkejja dan, għal xi raġuni l-istess eċċezzjoni baqgħet tingħata fi proċeduri bħal dawk odjerni. It-Tribunal jirrileva illi dawn il-proċeduri huma proċeduri taħt liġi speċjali, u cioè taħt il-Kapitolu 490 tal-Liġijiet ta' Malta, liema Kapitolu jirregola l-proċedura li għandha tiġi segwita quddiem dan it-Tribunal. Kwindi it-Tribunal huwa tal-fehma illi ma huwiex tassattiv illi r-rikors promutur jiġi notifikat lill-Avukat tal-Istat. Huwa biżżejjed li r-rikors promutur jiġi ndirizzat kontra l-entità governattiva li tkun ħarġet l-att amministtrativ impunjat. Kwindi l-ewwel eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

---

[2] It-Tribunal jirrileva illi hawn il-Kummissarju intimat ma kienx qiegħed jitratta applikazzjoni għal tiġdid imma rtirar ta' liċenzja. Madankollu kif se jingħad iktar 'il quddiem l-istess raġunijiet għar-rifjut ta' tiġdid jew liċenzja ġdida japplikaw għall-irtirar ta' liċenzja.

Illi sorvolata din l-eċċezzjoni, it-Tribunal se jikkunsidra l-aggravji tar-rikorrenti.

Illi jirriżulta illi dan il-każ huwa differenti minn għadd ta' każijiet oħra li solitalment jitratta magħhom dan it-Tribunal. Dan qiegħed jingħad għaliex hawnhekk m'għandniex każ fejn ma ġietx imġedda liċenzja ta' gwardjan privat jew inkella ġiet rifjutata liċenzja ġdida għal gwardjan privat. Hawnhekk, ir-rikorrenti kienet munita b'liċenzja, però, wara li ġiet pronunzjata sentenza fil-konfront tagħha mill-Qorti tal-Maġistrati fit-28 ta' Jannar 2020, il-Kummissarju intimat irtira l-liċenzja tar-rikorrenti. Illi għalhekk ir-rikorrenti tissottometti li l-Kummissarju intimat ma setax japplika l-artikolu 10 (a) u (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex jirtiralha l-liċenzja għaliex l-istess artikolu jitratta dwar rifjut ta' applikazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzja u mhux għal irtirar tal-istess liċenzja.

Illi tajjeb għalhekk li dan it-Tribunal jiċċita testwalment artikolu 13 (1) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta, u cioè:

*"Meta d-detentur ta' liċenza ma jimxix skont xi waħda mill-patti jew kundizzjonijiet li taħthom tkun inħarġet il-liċenza jew jinqalgħu ċirkostanzi li kienu jiġġustifikaw li applikazzjoni għal dik il-liċenza kienet tkun miċħuda, il-Kummissarju jista' jew jirtira jew jissospendi dik il-liċenza."*

Illi għalhekk il-Kummissarju intimat għandu l-poter li jekk jinqalgħu ċirkostanzi li abbażi tagħhom seta' ċaħad liċenzja, allura jista' jirtira liċenzja li tkun viġenti. Kwindi l-Kummissarju intimat, jekk bis-sentenza mogħtija fil-konfront tar-rikorrenti, ħass li li kieku kienet liċenzja ġdida jew tiġdid, kien jirrifjutaha, allura seta' wkoll japplika l-istess artikolu 10 (a) u (b) għall-irtirar tal-imsemmija liċenzja. Kwindi dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

Għaldaqstant, dak li jrid jeżamina issa dan it-Tribunal huwa jekk il-Kummissarju intimat eżerċitax kif suppost id-diskrezzjoni mħollija f'idejh meta ġie biex jirtira l-liċenzja in kwistjoni.

Illi jirriżulta mis-sentenza esebita a fol. 65, li r-rikorrenti nstabet ħatja ta' offiża ta' natura ħafifa u wkoll li akkużat lil persuna oħra b'reat quddiem Awtorità kompetenti meta kienet taf li l-istess persuna kienet innoċenti. Illi meta l-Kummissarju intimat qies dawn ir-reati huwa kien tal-opinjoni li jistgħu jiġu kklassifikati bħala "reati gravi" ai termini tal-artikolu 10 (a) (i) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalkemm kull reat għandu l-gravità tiegħu għal min jissubih, it-Tribunal ma hux tal-fehma illi r-reat ta' offiza ħafifa fuq persuna, ai fini tal-artikolu 10 (a) (i), għandu jiġu kklassifikat bħala "reat gravi". Dan anke meta mqabbel mar-reati l-oħra elenkati

fl-istess sub-inċiż, u cioè *"delitt kontra s-sigurtà tal-istat, jew ta'omiċidju volontarju jew ta' offiża gravi fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra l-proprjetà aggravat bl-ammont li jeċċedi elfejn u tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (2,329.37) jew bil-vjolenza jew ta' xi delitt kontra l-fiduċja pubblika...".*

Madankollu r-rikorrenti nstabet ukoll ħatja ta' reat ieħor, u cioè, li akkużat lil terz b'reat li fil-fatt kienet taf li ma seħħx. Illi minn qari tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta illi r-rikorrenti rraportat li din it-terz kienet ikkawżatilha offiżi ta' natura gravi u wkoll li l-istess terz laqtet lin-neputi tar-rikorrenti bil-vettura tagħha. Illi ai termini tal-artikolu 10 (1) (a) dan ir-reat iġorr miegħu l-piena minn tlettax sa tmintax-il xahar priġunerija. Illi t-Tribunal huwa tal-fehma illi fil-fatt dan huwa reat li jista' jiġi kkunsidrat bħala gravi għaliex meta wieħed jakkuża lil xi ħadd b'fatti kriminużi meta jkun ben jaf li fil-fatt ma seħħewx, ma hemmx mod ieħor kif tista' tikkonsidra l-istess reat. F'għajnejn il-liġi, ir-reat ta' kalunja huwa tant gravi li miegħu jġorr piena addizzjonali ta' interdizzjoni ġenerali minn għaxar snin sa għoxrin sena. Illi meta wieħed jikkommetti dan ir-reat ikun qiegħed jipprova jisvija l-kors tal-ġustizzja. It-Tribunal huwa tal-fehma illi kull persuna għandha d-dritt tiddefendi ruħha minn akkużi kriminali però ma tistax biex tiddefendi ruħha tivvinta fatti li jammontaw għal reat u taddebithom lil terzi. Illi dan hu aggravat bil-fatt illi r-rikorrenti kienet diġà fil-pussess ta' liċenzja ta' gwardjan privat. Illi meta wieħed ikun fil-pussess ta' tali liċenzja irid joqgħod ferm attent li b'għemilu jagħti eżempju lil ħaddiehor ta' mġieba korretta u mhux ikun hu stess li jikser il-liġi. Illi huwa veru illi l-inċident li seħħ fl-2016 kien wieħed sfortunat u li beda fuq kwistjoni ta' post ta' parkeġġ, imma sfortunatament l-effett tal-istess inċident kienu bil-wisq ikbar.

Illi għalhekk il-Kummissarju intimat kien ġust li kkonsidra li r-reat ta' kalunja bħala wieħed gravi. Però mhux l-istess jista' jingħad għar-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna.

Illi t-Tribunal se jgħaddi issa biex jeżamina r-rifjut abbażi tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi mix-xhieda tal-Ispettur Sarah Magri jirriżulta illi din ir-raguni ngħatat ukoll abbażi tas-sentenza su ċitata.

Illi dan it-Tribunal jagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet ***Renald Attard vs Kummissarju tal-Pulizija***, deċiża fil-31 ta' Ottubru 2016 mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fejn intqal is-segwenti:

*"Fil-fehma tal-qorti l-appellant ma kienx korrett meta bbaża d-deċiżjoni tiegħu fuq is-sempliċi fatt li kien hemm tliet sentenzi li ngħataw kontra l-appellat relatati ma' pussess ta' droga u ħsara fi proprjetà. L-eżerċizzju li kellu jagħmel kien imur oltre.*

*L-appellant kellu jqis ċirkostanzi oħra li kienu rilevanti u mhux jibbaża d-deċiżjoni fuq fatt wieħed. Hekk biss seta' jasal għal deċiżjoni korretta li ma kienx fl-interess pubbliku li l-appellant jingħata liċenza ta' gwardjan privat."*

Illi minn dak li xehdet ir-rikorrenti u mix-xhieda prodotti minnha jirriżulta illi r-rikorrenti ma hix xi persuna refrettarja jew li qatt kellha xi problemi ma' kollegi tagħha fuq il-post tax-xogħol. Anzi, pjuttost, mill-provi li pproduċiet jirriżulta illi hija persuna twajba u li lesta li tgħin lil ħaddiehor.

Illi għalhekk fil-fehma tat-Tribunal, il-Kummissarju intimat meta jiġi biex joħroġ rifjut abbażi tal-interess pubbliku m'għandux neċessarjament jikkonċentra l-konsiderazzjonijiet tiegħu esklussivament fuq il-fedina penali tal-applikant. F'ċerti ċirkostanzi, speċjalment fejn persuna tkun xellfet difrejha darba mal-ġustizzja, u wkoll ikunu forsi għaddew xi ftit snin minn tali avveniment, ikun għaqli li jevalwa wkoll iċ-ċirkostanzi preżenti tal-applikant biex b'hekk ikollu stampa iktar ċara ta' x'għamlet l-applikanta minn meta twettqu r-reati sal-ġurnata tal-eżami tal-applikazzjoni. Fil-fehma tat-Tribunal, jekk persuna tiżbalja darba m'għandhiex tiġi kkunsidrata awtomatikament ta' theddida għall-interess pubbliku u li għalhekk m'għandhiex tiġi fdata bil-liċenzja *de quo* fl-interess pubbliku. Madankollu, it-Tribunal japprezza illi kull każ irid jiġi kkunsidrat fuq il-merti tiegħu.

Madanakollu, fil-kaz preżenti, it-Tribunal ma jistax ma jinnotax illi bis-sentenza fil-konfront tar-rikorrenti, hija ġiet kolpita b'interdizzjoni ġenerali għal żmien għaxar snin u wkoll ġiet imposta fuqha sentenza ta' ħmistax-il xahar priġunerija sospżi għal tliet snin. Illi fil-fehma tat-Tribunal, meta wieħed iqis li kemm is-sentenza sospiża u kif ukoll l-interdizzjoni għadhom qegħdin jiddekorru, jasal biex jikkondividi li mhux fl-interess pubbliku li r-rikorrenti tibqa' fil-pussess tal-liċenzja ta' gwardjan privat, tal-inqas ċertament sakemm jgħaddi l-perjodu ta' sospensjoni tal-perjodu operattiv tas-sentenza sospiża. It-Tribunal japprezza illi r-rikorrenti hija mara ta' ċertu età u li forsi fadlilha ftit snin li matulhom tista' taħdem, però ma jistax lanqas jittraskura l-effetti tas-sentenza fil-konfront tagħha. Illi wieħed irid jiftakar illi gwardjan privat irid imexxi bl-eżempju biex f'kull sitwazzjoni, anke dawk mhux faċli, jkun hu li jżomm il-kalma u jikkontrolla s-sitwazzjoni. Illi dan kien proprju l-oppost li għamlet ir-rikorrenti. Huwa veru li fil-ħin li seħħ l-inċident ma kinitx fuq xogħolha, però xorta tali aġir jirrifletti ħażin fuq ix-xogħol li għandu jwettaq gwardjan privat. Kwindi dan it-Tribunal jasal biex jikkondividi d-deċiżjoni tal-Kummissarju intimat.

Għaldaqstant it-Tribunal isib li l-Kummissarju intimat kien raġjonevoli fid-deċiżjoni tiegħu *ad eccetto* meta kklassifika r-reat ta' offiża ħafifa fuq il-persuna bħala "reat gravi".

**DECIDE**

Għaldaqstant, it-Tribunal, għar-raġunijiet hawn fuq premessi u fit-termini hawn fuq enunċjati, filwaqt li jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju intimat, jilqa' r-rimanenti eċċezzjonijiet u jiċħad l-appell tar-rikorrenti.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

______________________________

**Maġistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva**

__________

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**